ŻURRIEQ

# Kunsill Lokali Żurrieq

## Rapport Annwali Amministrattiv
## Għal-ewwel sena tal-leġislatura
## tat-tmien Kunsill Lokali

## Jannar, 2015 - Diċembru, 2015

*Tema: Inkattaru l-Impenn tagħna għal Żurrieq Aħjar*

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 10 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 11 |
| Ir-Rapport tal-Awdituri Lokali u l-Istqarrijiet Finanzjarji | 16 |

Din kienet l-ewwel sena tat-tmien leġislatura li kompliet ma dak li kien qed jitwettaq mil-leġislatura preċedenti.

Il-Kunsill kompla jinvesti l-maġġor parti tal-fondi tiegħu fuq manutenzjoni tat-toroq imma fl-ewwel sena ta' din il-leġislatura ħa ħsieb ukollil-manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi kollha madwar iż-Zurrieq

Irridu naraw ukoll li l-wegħdi li għamilna jitwettqu sa tmiem il-leġislatura.

Komplejna nenfasizzaw mal-Gvern, biex titwessa Vjal ix-Xarolla u jsir wiċċ lil Triq Hal Far. Fl-aħħar budget intqal li Vjal ix-Xarolla ser titwessa, għalhekk il-Kunsill ser ikompli jinsisti biex issa jieħu ukoll Triq Hal Far.

S'issa wettaqna kollox mingħajr il-bżonn li nirrikoru għal self mill-banek u mingħajr il-Kunsill m'għamel deficit.

Wettaqna xogħlijiet f'kull responsabilita li tagħtina l-liġi u wettaqna ħidma soċjali.

Irrid intemm din l-introduzzjoni billi nirringrazzja lil Viċi Sindku u l-Kunsilliera kollha, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tiegħu għal ħidma bla waqfien sabiex dan ix-xogħol kollu seta jsir rejalta. Inħarsu 'l quddiem biex inkomplu din il-leġislaturia b'mod pożittiv.

Ignatius Farrugia
Sindku
Diċembru 2015

## 2.1 Il-Kunsill

Din il-leġislatura bdiet f'April 2015.. Il-Kunsill għal din il-leġislatura naqqas in-numru ta' kunsillieri minn ħdax għal disa minħabba li skont l-NSO l-popolazzjoni fir-raħal naqset.
Kull Kunsillier għandu r-responsabilita ta' sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilha bl-Att XV ta'l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu erbgħa uffiċjali jassistuh minbarra numru ieħor ta' esperti bħal perit, konsulenti u contract managers fost l-oħrajn. Fi ħdan il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq hemm inkorporat Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li f'din is-sena kompla fit-tieni leġislatura tiegħu.

Il-Kunsillieri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Ignatius Farrugia - Amministrazzjoni, Finanzi, proġetti kapitali, anzjani u media.

Vici Sindku Rita Grima - Saħħa, Servizzi Soċjali, Persuni b'diżabilita', familji, Dar Mattia Preti (proġett LEAP)

Kunsillier Dr Jean Pierre Attard - Liġi, fondi u proġetti tal-EU u MEPA

Kunsillier Tiffany Farrugia - Edukazzjoni u IT

Kunsillier Joseph D'Amato - Infrastruttura, kultura u turiżmu.

Kunsillier Pierre Farrugia - Attivitajiet prinċipali, street lighting

Kunsillier Kenneth Farrugia - Indafa pubblika u drittijiet tal-annimali

Kunsillier Dino Bonnici - żgħażagħ u sports

Kunsillier David Abdilla - Ġemellaġġi u International releations, ġonna pubbliċi u street markings and signs

**Is-Segretarju Josianne Cilia Mumford:** Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju
**Is-Sinjura Francesca Camilleri:** Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani
**Is-Sinjura Charmaine Atanasio:** Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi
**Is-Sinjura Maria Briffa Callus:** Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti
**Is-Sinjur Omar Farrugia:** Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti

F'din is-sena l-Kunsill kellu post vakant għal skrivan/a u intagħżel is-Sur Omar Farrugia li beda l-ħidma tiegħu f'April.

## 2.2 Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' April, 2015 u l-31 ta' Diċembru 2015 inżammu ħdax –il laqgħa tal-Kunsill li l-attendenza għalihom kienet:

| Isem | Prezenti | Skuzat |
|---|---|---|
| Ignatius Farrugia | 11 | 0 |
| Rita Grima | 10 | 1 |
| Jean Pierre Attard | 11 | 0 |
| Tiffany Farrugia | 10 | 1 |
| Joseph D'Amato | 11 | 0 |
| Pierre Farrugia | 11 | 0 |
| Kenneth Farrugia | 11 | 0 |
| David Abdilla | 9 | 2 |
| Dino Bonnici | 11 | 0 |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Is-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2015 kienet waħda kkaratarizzata minn dawn il-fatturi:

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kienet maqsuma hekk:

92.54 % mingħand il-Gvern Ċentrali
7.46% mis-sistema tal-infurzar tal-lġi u minn Investimenti u dħul ieħor

Filwaqt li n-nefqa matul l-istess perjodu kienet maqsuma hekk:

15.8% fl-Onoraria tas-Sindku u s-Salarji tal-Impjegati
56% f'xogħlijiet ta' manutenzjoni u amministrazzjoni
28.2% fi proġetti kapitali

L-akbar nefqa ta' manutenzjoni u amministrazzjoni kienet dovuta l-aktar fuq kuntratti ta' tindif u mantenzjoni ta' toroq.
Is-sena finanzjarja ntemmet b'bilanċ favorevoli fil-bank ta' €113,101.34– trid tqis li hemm ammont kbir ta' cheques mhux imsarfa.

## 3.2 Il-Hidma tal-Kunsill

Il-Kunsill kien impenjat f'dawn ix-xogħlijiet :

- Tiswijiet u manutenzjoni ta' toroq, bankini, lampi u sinjali u marki tat-traffiku.
- Tindif ta' toroq urbani, tindif madwar il-BIS, qtugħ ta' ħaxix.
- Fuq qbil unanimu tal-Kunsill, minħabba li r-residenti ma kienux qed jużaw tajjeb il-Bring in Sites,ġew imneħħija u minflok baqa' s-servizz ta' ġbir ta' skart imħallat, ġbir ta' skart riċiklat u ġbir ta' ħġieġ, bieb bieb.
- Il-Kunsill ma setgħax jgħamel xogħol ta' tindif ta' spiss ta' toroq mhux urbani minħabba appell li għamel wieħed mill-kuntratturi li ma ħax it-tender u li tali appell ma ġiex maqtugħ mid-Dipartiment, għalhekk kellu jagħti partijiet ta' toroq lil kuntratturi diversi biex jgħamlu x-xogħol meħtieġ. Dan ix-xogħol sar darba f'din is-sena.
-

- Tingħata informazzjoni u għajnuna fuq kull xorta ta' għajnuniet u servizzi soċjali.
- Inxtraw ammont ta' kotba bl-għajnuna mill-Gvern Ċentrali.
- Tkomplew isiru korsijiet tal-ECDL, E tfal u Learn IT mit-TCTC u tagħlim tal-lingwa Ingliża, f'Dar Mattia Preti u kors fil-monaster fid-Day Centre.
- Saru attivitajiet għal okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq fosthom tpoġġew fjuri quddiem il-monumenti.
- Il-Kunsill ta rikonoxximent lill-grupp tal-Minors taż-Żurrieq FC talli ġew promossi mit-tielet għat-tieni sezzjoni.
- Saret inizjattiva favur il-qari bl-għajnuna bl-għajnuna tar-Reġjun Nofsinhar.
- Ir-Reġjun Nofsinhar ta lil Kunsill Automated External Defibrillator u kors lill-impjegati biex jgħallem kif jintża l-apparat.
- Sar l-ewwel kalendarju u tqassam wieħed bieb bieb, fiż-Żurrieq kollu. Dan il-kalendarju kien juri ritratti tan-niċeċ fiż-Żurrieq.
- Qed isiru diskussjonijiet biex il-Kunsill jieħu f'idejh l-ex uffiċċju tas-Sigurta Soċjali u jservi ta' maħżen għall-arkivji u post għal-laqgħat.
- Sar kuntratt bejn Transport Malta u l-Kunsill dwar il-kamra tal-venda f'Misraħ Mattia Preti sabiex tintuża bħala Bus shelter. Din il-kamra titnaddaf ta' spiss mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.
- Saret it-tielet edizzjoni ta' Festa Hut - din is-sena f'Ottubru u li għaliha l-Kunsill ħa s-somma ta' 5,000Euro f'għajnuna finanzjarja mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.
- Saret attivita' fil-Milied bil-parteċipazzjoni tal-Orkestra taż-Żurrieq li ghalkemm fl-aħħar granet il-Kunsill sab xi intoppi, din xorta waħda kienet success.
- Tħawlu siġar fil-ġemb ta' Ġnien il-Ġibjun.
- Wara rapport li kien sar biex jiġu stabbiliti n-nuqqasijiet li fihom il-ġonna pubbliċi, saret il-manutenzjoni tagħhom.
- Saru attivitajiet tal-anzjani li kienu maqsuma f'mawriet għall-Sqallija u Għawdex, dinner dance u ħarġiet kulturali u żjarat lill-anzjani fiċ-ċentri ta' matul il-jum/lejl għall-anzjani.
- Il-Kunsill ħa sehem f'esebizzjoni ta' qofof bil-ħxejjex u l-frott fil-Great Spring Show.
- Tqassmu (4 darbiet) boroż għall-ġbir tal-iskart reċiklat u qed ikollna wkoll ġabra speċjali għall-ħġieġ.
- Tneħħew il-Bring in Sites kollha miż-Żurrieq minħabba li r-residenti ma kienux qed jużawhom tajjeb.
- Il-Kunsill beda l-paġna tiegħu tal-face book biex jagħti aktar informazzjoni lir-residenti.
- Il-Kunsill beda taħdidiet biex issir manutenzjoni fuq il-komun tal-appartamenti tal-Gvern fin-Nigret.
- F'żewġ okkazjonijiet - waħda fir-riħ qawwi li sar fix-xahar ta' Mejju u darb 'oħra waqt maltempata li saret fl-aħħar ta' Settembru, saru ħsarat kbar lill-antenni tal-Mitħna tax-Xarolla u ġiet imsewwija u reġgħet bdiet titħaddem minn Novembru.

- Rappreżentanza mill-Kunsill – il-Kunsillier David Abdilla rrapreżenta lill-Kunsill fil-Maċedonja fl-International Association of Peace Messanger Citeis u s-Sindku rrappreżenta liż-Żurrieq ġewwa Morphou.
- Saret skola sports bl-għajnuna taż-Żurrieq Wolves.
- Il-Kunsill reġa ħallas is-sħubija mad-Dog Trust biex jiġu neutered l-annimali fiż-Żurrieq.
- Il-Kunsill ġedded is-sħubija mal-Gal Xlokk sas sena 2020.
- Saret il-Marathona tal-ġiri bl-għajnuna taz-Zurrieq Wolves.
- Inxtraw aktar kotba għal-librerija u monitor 40" biex jintuża għal-kors Aqra miegħi.
- Jinbeda xogħol minn Prof Horatio Vella fuq ktieb informattiv ta' storja taż-Żurrieq.
- Reġgħet saret l-attivita 'Festa Hut' - li din is-sena kienet ta aktar suċċess minn tnejn li saru qabilha.
- Sar tindif tal-culverts kollha fiż-Żurrieq.
- Ingħatat l-injection tal-influwenza lil madwar 700 mitt anzjani 'l fuq minn 55 sena.
- Ħarġu żewġ Kunsill News biex inżommu lir-residenti infurmati.
- Il-Kunsil talab li t-Torri tal-Wardija ikun vakant minn kull attivita' li m'ghandiex x'taqsam mal-wirt kulturali.
- Saru laqgħat biex il-funtanta fi Vjal il-Blue Grotto tinbidel f'waħda aktar sempliċi u moderna.
- Ingħataw mugs lill-anzjani li joqgħodu fl-isptar San Vincent De Paul waqt żjara li għamlulhom il-membri tas-Sotto Kumitat Anzjani.
- Saru żewġ attivitajiet f'Bubaqra – waħda Artiġjanar fiż-Żurrieq u Tieġ Tradizzjonali Malti bl-għajnuna tal-għaqdiet tal-lokal u b'fondi mill-Gvern Ċentrali.

## 3.3 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hi magħmula hekk:




Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill jaħdem bi prattiċi tal-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din għandha ssir bl-aħjar mod bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministratturi jesegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globalita tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirata minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq u biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

## 3.4 Kumitat Amministrattiv Bubaqra

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn ħames membri - Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Sciberras, u l-Membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

Il-Membri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Ic-Chairperson Pierre Farrugia : Proġetti Kapitali

Il-Viċi Chairpeson Maria Schembri: Attivitajiet

Il-Membru Joseph D'Amato : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

Il-Membru Marilyn Sammut - Żgħażagħ

Il-Membru Kevin Sam Farrugia – Ambjent

### Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Inżammut 14 -il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fis-sena 2015, li l-attendenza għalihom kienet:

| Isem | Prezenti | Skuzat |
|---|---|---|
| Pierre Farrugia | 14 | 0 |
| Maria Schembri | 12 | 2 |
| Joseph D'Amato | 13 | 1 |
| Marilyn Sammut | 11 | 3 |
| Kevin Sam Farrugia | 14 | 0 |

### Ħidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra

1. Sar il-patching fit-toroq kollha taż-żona.
2. Saru bankini ġodda jew li kellhom bżonn jinbidlu..
3. Refresh tas-sinjali kollha ta' Bubaqra, fosthom zebra crossing u tabelli.
4. Ħa ħsieb li s-sistema tat-tindif ta' knis mit-toroq tibqa kull nhar ta' Ġimgħa u Sibt..
5. Tisqija tal-pjanti u siġar li hemm fiż-żona ta' Bubaqra.
6. Qtugħ ta' ħaxix mit-toroq iktar frekwentati.
7. Żdiedu lampi ġodda kull fejn kien meħtieġ fostom fi Triq Ħal Far.
8. Apparti leaflet li jitqassam ġewwa Bubaqra, bdiet titqassam ukoll kartolina tal-Milied iffirmata mill-mebri kollha tal-Kumitat Amministrattiv.
9. Wara l-studju li sar fuq Triq Zakkarija Ronkali u l-madwar biex jitjieb it-traffic management - saret applikazzjoni mat-TM biex ikun approvat u dan ġie mplimentat.
10. Il-Kumitat Amministrattiv għal din is-sena minflok żied ornamenti oħra tal-milied, għamel żewġ ornamenti minn dawk eżisteni jaħdmu mekkanizat u sewwa l-ħsara li kienu ġarbu l-ornamenti waqt il-maltemp tas-sena l-oħra.

11. Sar riċeviment għat tfal ta' Bubaqra fejn kien hemm konkorrenza kbira. Dan sar kollu permezz ta' sponsors minħabba li riċevimenti ma jistgħux isiru mill-Kunsill/Kumitati Amministrattivi. It-tfal kollha inataw rigal żgħir.

12. Għal sena oħra l-Kumitat Amministrattiv reġgħa applika biex jieħu għajnuna ta' fondi sabiex ikun jista jerġa jtellgħa attivita' kulturali f'Bubaqra. Għal din is-sena wkoll reġgħa stieden lill-għaqdiet kollha taż-Żurrieq, fejn applikaw iż-żewġ soċjetajiet mużikali li offrew attivita' kull wieħed. Kienet magħżula l-attivita' Snajja u Artiġjanat fiż-Żurrieq bl-għajnuna tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria li ser issir fis-21 ta' Mejju, 2016 u attivita' bl-għajnuna tas-Soċjeta Mużikali li jisimha 'It-tieġ tradizzjonali Malti' li ser issir fit-30 April, jekk il-Kunsill jieħu fondi biżżejjed biex jorganizzhom.

13. Sar rapport fuq l-ilma li joqgħod fi Triq Dun Gejt Muscat k/m Triq Dun Nard Mallia

14. Saret parti minn wiċċTriq Gio Batta Riccio minn fondi tal-Gal Xlokk.

15. Tneħħew il-Bring in Site kollha minn Bubaqra u ġew installati aktar dog bins.

16. Sar xogħol ta' tindif bil-gafef, fi sqaq fi Triq it-Torri (viċin il-HOS)– dan qed jispiċċa jsir kull sena minħabba li l-ilma tax-xita jġorr ħafna materjal f'dan l-isqaq.

17. Saret mill-ġdid Triq it-Torri li x-xogħol tagħha kien jikkonsisti fi bdil ta' servizzi tad-drenaġġ, bankini ġodda u wiċċ ta' triq ġdid. B'din it-triq tista tgħid li t-toroq f'Bubaqra jinsabu kollha b'wiċċ ġdid.

18. Beda jsir xogħol fuq pubblikazzjoni ta' ktieb dwar Bubaqra.

## 3.5 Konklużjoni

Il-Kunsill Lokali taż-żurrieq, permezz tal-ħidma mwettqa matul din il-leġislatura, ser ikun qed iħalli mpatt qawwi fuq il-lokalita u r-residenti.

In-nefqa pubblika tal-Kunsill trid tkompli tissoda u twassal biex ikun hemm aktar relazzjoni mal-bżonnijiet tal-lokalita' u li tħalli nvestiment rejali u tanġibbli. L-indafa, l-manutenzjoni tat-toroq u l-manutenzjoni tal-postijiet ta' rikreazzjoni, biex ikunu aktar siguri għat-tfal li jużawhom, għandhom jibqgħu fuq quddiem tal-ħidma tal-Kunsill.

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**
Jannar, 2016

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2015 (Euro) | ACTUAL 2015 (Euro) | BUDGET 2016 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 1,236,408.00 | 813,550.38 | 889,774.00 | (346,634.00) | 76,223.62 |
| 0020 | Bye-laws | 97,000.00 | 59,518.33 | 52,000.00 | (45,000.00) | (7,518.33) |
| 0090 | Investment | 5,000.00 | 1,197.00 | 1,000.00 | (4,000.00) | (197.00) |
| 0100 | General | 3,000.00 | | | (3,000.00) | 0.00 |
| | TOTAL | **1,341,408.00** | **874,265.71** | **942,774.00** | **(398,634.00)** | **68,508.29** |
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 109,885.00 | 120,215.01 | 121,153.00 | 11,268.00 | 937.99 |
| 2000 | Operations and maintenance | 576,295.00 | 426,454.36 | 392,662.00 | (183,633.00) | (33,792.36) |
| 7000 | Capital Expenditure | 655,044.00 | 214,495.00 | 316,340.22 | (338,703.78) | 101,845.22 |
| | TOTAL | **1,341,224.00** | **761,164.37** | **830,155.22** | **68,990.85** | **68,990.85** |
| | Balance | **184.00** | **113,101.34** | **112,618.78** | **112,434.78** | **(482.56)** |

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a BUDGET 2015 (Euro) | b ACTUAL 2015 (Euro) | c BUDGET 2016 (Euro) | c-a VAR BUD-BUD (Euro) | c-b VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 709,245.00 | 709,184.38 | 722,924.00 | 13,679.00 | 13,739.62 |
| 0002 | Supplementary | 131,711.00 | 104,366.00 | 166,850.00 | 35,139.00 | 62,484.00 |
| 0003 | Special needs | | | | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Public/government entities | | | | | |
| 0015 | Other | | | | 0.00 | 0.00 |
| | | **840,956.00** | **813,550.38** | **889,774.00** | **48,818.00** | **76,223.62** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community Services | 20,500.00 | 25,620.25 | 20,000.00 | (500.00) | (5,620.25) |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 16,000.00 | 22,185.08 | 22,000.00 | 6,000.00 | (185.08) |
| 0056 | Contributions and donations | 500.00 | 0.00 | 0.00 | (500.00) | 0.00 |
| 110 | Donations Receivable | | 11,713.00 | 10,000.00 | | |
| 0066 | General | 14,000.00 | | | (14,000.00) | 0.00 |
| | | **51,000.00** | **59,518.33** | **52,000.00** | **1,000.00** | **(7,518.33)** |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | 1,500.00 | 1,197.00 | 1,000.00 | (500.00) | (197.00) |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| | | **1,500.00** | **1,197.00** | **1,000.00** | **(500.00)** | **(197.00)** |
| 0100 | General | | | | | |
| 0110 | Donations | | | | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Contributions | | | | 0.00 | 0.00 |
| | | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **0.00** |
| | **TOTAL** | **893,456.00** | **874,265.71** | **942,774.00** | **49,318.00** | **68,508.29** |

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2015 (Euro) | ACTUAL 2015 (Euro) | BUDGET 2016 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 11,700.00 | 9,984.72 | 9,216.00 | (2,484.00) | (768.72) |
| 1200 | Employee salaries and wages | 76,000.00 | 81,801.69 | 82,138.00 | 6,138.00 | 336.31 |
| 1300 | Bonuses | 7,400.00 | 7,334.32 | 8,936.00 | 1,536.00 | 1,601.68 |
| 1400 | Income supplements | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 1500 | Social Security contributions | 7,000.00 | 7,148.15 | 7,404.00 | 404.00 | 255.85 |
| 1600 | Allowances | 13,600.00 | 12,319.62 | 11,659.00 | (1,941.00) | (660.62) |
| 1700 | Overtime | 1,000.00 | 1,626.51 | 1,800.00 | 800.00 | 173.49 |
| | | **116,700.00** | **120,215.01** | **121,153.00** | **4,453.00** | **937.99** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 12,000.00 | 13,490.15 | 13,400.00 | 1,400.00 | (90.15) |
| 2200 | Materials and supplies | 3,000.00 | 2,592.14 | 3,000.00 | 0.00 | 407.86 |
| 2300 | Repair and upkeep | 59,900.00 | 113,622.03 | 93,500.00 | 33,600.00 | (20,122.03) |
| 2400 | Rent | 3,000.00 | 2,708.75 | 3,000.00 | 0.00 | 291.25 |
| 2500 | International memberships | 2,700.00 | 5,353.58 | 2,000.00 | (700.00) | (3,353.58) |
| 2600 | Office services | 5,500.00 | 6,146.16 | 6,000.00 | 500.00 | (146.16) |
| 2700 | Transport | 1,300.00 | 737.00 | 700.00 | (600.00) | (37.00) |
| 2800 | Gemellaggi | 3,500.00 | 557.00 | 3,500.00 | 0.00 | 2,943.00 |
| 2900 | Information services | 7,350.00 | 6,519.00 | 6,600.00 | (750.00) | 81.00 |
| 3000 | Contractual services | 239,750.00 | 211,086.69 | 201,222.00 | (38,528.00) | (9,864.69) |
| 3100 | Professional services | 23,350.00 | 23,756.80 | 27,540.00 | 4,190.00 | 3,783.20 |
| 3200 | Training | | | | 0.00 | 0.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 30,000.00 | 39,851.00 | 32,000.00 | 2,000.00 | (7,851.00) |
| 3400 | Incidental expenses | | | | | |
| 3600 | LES Enforcement | 1,400.00 | 34.06 | 200.00 | (1,200.00) | 165.94 |
| 8000 | Depreciation | | | | | 0.00 |
| | | **392,750.00** | **426,454.36** | **392,662.00** | **(88.00)** | **(33,792.36)** |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | | | | | |
| 7200 | Improvements | 138,062.00 | 66,059.00 | 19,000.00 | (119,062.00) | (47,059.00) |
| 7300 | Equipment | 4,000.00 | 6,242.00 | 3,000.00 | (1,000.00) | (3,242.00) |
| 7500 | Special programmes | 148725.25 | 142194.00 | 294340.22 | 145,614.97 | 152,146.22 |
| | | **290,787.25** | **214,495.00** | **316,340.22** | **25,552.97** | **101,845.22** |
| | TOTAL | **800,237.25** | **761,164.37** | **830,155.22** | **29,917.97** | **68,990.85** |

**2016**

| ACCNT | DESCRIPTION | QTR 1 JAN-MAR Euro | QTR 2 APR-JUN Euro | QTR 3 JUL-SEP Euro | QTR 4 OCT-DEC Euro | TOTAL Euro |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 180,731.00 | 180,731.00 # | 180,731.00 # | 180,731.00 | 722,924.00 |
| 0002 | Supplementary | 41,712.50 | 41,712.50 | 41,712.50 | 41,712.50 | 166,850.00 |
| 0003 | Special needs | | | | | |
| 0004 | Public/government entities | | | | | |
| 0015 | Other | | | | | |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community services | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 20,000.00 |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 5,500.00 | 5,500.00 | 5,500.00 | 5,500.00 | 22,000.00 |
| 0056 | Contributions and donations | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | General services | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 10,000.00 |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 1,000.00 |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| 0100 | General | | | | | |
| 0110 | Donations | | | | | |
| 0120 | Contributions | | | | | |
| | TOTAL | 235,693.50 | 235,693.50 | 235,693.50 | 235,693.50 | 942,774.00 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 2,304.00 | 2,304.00 | 2,304.00 | 2,304.00 | 9,216.00 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 20,534.50 | 20,534.50 | 20,534.50 | 20,534.50 | 82,138.00 |
| 1300 | Bonuses | 2,234.00 | 2,234.00 | 2,234.00 | 2,234.00 | 8,936.00 |
| 1400 | Income supplements | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 1500 | Social Security contributions | 1,851.00 | 1,851.00 | 1,851.00 | 1,851.00 | 7,404.00 |
| 1600 | Allowances | 2,914.75 | 2,914.75 | 2,914.75 | 2,914.75 | 11,659.00 |
| 1700 | Overtime | 450.00 | 450.00 | 450.00 | 450.00 | 1,800.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 3,350.00 | 3,350.00 | 3,350.00 | 3,350.00 | 13,400.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 23,375.00 | 23,375.00 | 23,375.00 | 23,375.00 | 93,500.00 |
| 2400 | Rent | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| 2500 | International memberships | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 2,000.00 |
| 2600 | Office Services | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 6,000.00 |
| 2700 | Transport | 175.00 | 175.00 | 175.00 | 175.00 | 700.00 |
| 2800 | Travel | 875.00 | 875.00 | 875.00 | 875.00 | 3,500.00 |
| 2900 | Information services | 1,650.00 | 1,650.00 | 1,650.00 | 1,650.00 | 6,600.00 |
| 3000 | Contractual services | 50,305.50 | 50,305.50 | 50,305.50 | 50,305.50 | 201,222.00 |
| 3100 | Professional services | 6,885.00 | 6,885.00 | 6,885.00 | 6,885.00 | 27,540.00 |
| 3200 | Training | | | | | 0.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 8,000.00 | 8,000.00 | 8,000.00 | 8,000.00 | 32,000.00 |
| 3400 | Incidental expenses | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 3600 | LES Enforcement | 50.00 | 50.00 | 50.00 | 50.00 | 200.00 |
| 8000 | Depreciation | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | | | | | |
| 7200 | Improvements to property | 4,750.00 | 4,750.00 | 4,750.00 | 4,750.00 | 19,000.00 |
| 7300 | Equipment | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| 7500 | Special programmes | 73,585.06 | 73,585.06 | 73,585.06 | 73,585.06 | 294,340.22 |
| | **TOTAL** | **207,538.81** | **207,538.81** | **207,538.81** | **207,538.81** | **830,155.22** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **28,154.69** | **28,154.69** | **28,154.69** | **28,154.69** | **112,618.78** |

### 5.1.1 Kont tas-Savings - HSBC - 78057692050

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 47,801.96 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 47801.96 |

### 5.1.2 Kont tas-Savings - BOV - 17905262020

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 7923.54 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 7923.54 |

### 5.1.3 Kont tas-Savings - APS - 12418510017

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 9.82 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 9.82 |
| | |

### 5.1.4 Kont Savings BOV - Measure 313 40019290476

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 375.82 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 375.82 |

### 5.1.5 kont Savings BOV – Measure 323 40019290463

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 11,054.48 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 11,054.48 |

### 5.1.6 kont Savings HSBC MITHNA 78057692051

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 26927.89 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 26927.89 |

## 5.2 Kontijiet Kurrenti

### 5.2.1 Kont Kurrenti – HSBC – 78057692001

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 113.18 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 113.18 |

### 5.2.2 Kont Kurrenti – BOV – 17905262017

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 123,419.77 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 123,419.77 |

### 5.2.3 Kont Kurrenti - HSBC - 78057692401

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 0.15 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31'ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 0.15 |
| | |

## 5.3 Kontijiet Fissi

### 5.3.1 Kont Fiss - BOV - 40018197570

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 203,000 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 203,000 |

## 5.4 Kontijiet Kurrenti Reserved

### 5.4.1 Kont Kurrenti Reserved - BOV - 40011321000

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 3.79 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 3.79 |
| | |

### 5.4.2 Kont Kurrenti Reserved - BOV - 40014856831

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 0 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 0 |

| | |
|---|---|
| | |

## 5.4.23kont Kurrenti Kumitat Amministrattiv Bubaqra - BOV - 78057692002

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 27,042.49 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 27,042.49 |
| | |

## Petty Cash Account

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni** | |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2015 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni | |
| **Bilanċ Nett** | 85.68 |
| | |

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv

## 6.1 Rapport tal-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji

Fil-pa[ni segwenti jinstabu *r-rapport ta' l-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji.*